MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 333/2011

**Appell Numru: 333/2011**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Nacer k/a Joseph Messaudi**

Illum 4 ta’ Lulju, 2013

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 23986G] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Talli fl-20 ta’ Dicembru, 2010 ghall habta ta’ 00.22hrs fi Triq Rodolfu, Sliema,
(1) Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta’ vettura Nru. IBA-143 fit-triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.
(2) W’ aktar talli saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura Nru. IBA-143 fit-triq jew f’post pubbliku wara li

kkonsma tant alcohol li l-proporzjoni teighu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.
Il-Prosekuzjoni tablet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta’ zmien ta’ mhux inqas minn sitt xhur.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Lulju, 2011 fejn wara li rat l-artikoli 15A u 15B tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, iddikjarat li l-imputazzjonijiet (1) u (2): Jirrizultaw: ikkundannat lil imputat Nacer k/a Joseph Messaudi ghall-piena komplessiva ta’ Euro 1400 multa. Kif ukoll bl-applikazzjoni tal-artikolu 15H(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, skwalifikat lill-imputat Nacer k/a Joseph Messaudi milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur millum.

Rat ir-rikors tal-appellant pprezentat fid-19 ta’ Lulju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti thassar is-sentenza appellate u konswegwentement tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, minn kull piena u htija u fin-nuqqas, illi tbiddel u tirriforma s-sentenza billi jew, jekk issib htija, ma tikkomina l-ebda piena in vista tat-tielet aggravju, jew, in vista tar-raba` aggravju, tnaqqas il-multa komminata kontra l-appellant ghall-minimu impost mil-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

<u>Ewwel Aggravju – L-akkuza skond l-artikolu 15B tal-Kap. 65.</u>

Sabiex tirrizulta din l-akkuza, irid jirrizulta li l-proporzjoni tal-alkohol fid-demm huwa tassew oghla mil-limitu preskritt.

Skond l-artikolu 15E. (1) tal-Kap 65,

*15E. (1) Sabiex jigi deciz jekk persuna ghamlitx xi reat that l-artikoli 15A u 15B(1) ufficjal tal-Pulizija jista` jehtieg li dik il-persuna-*

*(a) taghti kampjun tan-nifs jew kampjun ghall-analizi permezz tal-istrument approvat, skond ir-regolamenti maghmula taht din l-Ordinanza, u r-rizultat hekk miksub ghandu jkun ammissibbli bhala prova f'kull procediment ghal reat that l-artikoli 15A jew 15B(1). Ir-rizultati tal-analizi ghandhom jigu prezunit bhala korretti sakemm ma jigix ppruvat il-kuntrarju;*

L-istess ligi tistabilixxi wkoll illi

*15I. (1) Ghall-ghanijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikoli 15A sa 15H, kemm il-darba r-rabta tal-kliem tehtiegx xorta' ohra – "test tan-nifs" tfisser test bil-ghan li jigi stabbilit, permezz ta' strument tax-xorta approvata mill-Ministru, jekk il-proporzjon ta' alcohol fin-nifs ta' persuna huwiex izjed mill-limitu preskritt b'regolamenti that din l-Ordinanza;*

Fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 2011, l-ufficjal prosekutur ipprezenta Dok PSA1. Dan jidher li huwa rizultat tat-test tan-nifs. Pero` il-prosekuzjoni imkien ma gabet prova permezz ta' xhieda guramentata illi d-dokument PSA1 huwa tassew ir-reizultat tat-test tan-nifs tal-esponenti.

Fl-affidavits taghhom, il-Pulizija jsemmu li sar it-test tan-nifs imma, trattandosi ta' Proceduri ta' nautra penali, l-esponenti jemmen illi huwa essenjali lir-rizultati ta' kull test jigu mill-inqas ikkonfermati bil-gurament mill-ufficjal stess illi hadu it-test. Huwa vera li issa, skond il-ligi kif emendata propju fis-sena 2010, ir-rizultati tal-analizi ghandhom jigu prezunti bhala korretti sakemm ma jgix ppruvat il-kuntrarju, izda dana ma jezonerax lill-prosekuzjoni milli ggib l-ahjar prova-prova li kellha tkun ix-xhieda bil-gurament minn min issomministra it-test lill-appellant, li tikkonferma li l-ezibit Dok PSA1 huwa r-rizultat tat-test tan-nifs tal-appellant.

Il-fatt illi d-dettalji dwar it-test migjuba fl-affidavits u d-dettalji fid-Dok PSA1 jikkombacjaw xorta ma ghandux iwassal ghas-sejba ta' htija fl-appellant, ghaliex tonqos konferma bil-gurament ta' min issomministra t-test lill-appellant, dwar il-kontenut tal-istess Dok PSA1.

Ghal tali raguni l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha thassar is-sentenza appellata fejn l-appellant instab hati taht dan l-artikolu.

<u>Tieni aggravju – L-akkuza skond l-artikolu 15A tal-Kap 65</u>

L-artikolu in kwistjoni jaqra hekk:

*15A. (1) Ebda persuna ma ghandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku iehor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.*

*(2) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapacita taghha li ssuq sew tkun ghal xi hin imnaqqsa.*

Illi allura jehtieg lill-prosekuzzjoni, sabiex tinstab htija skond dan l-artikolu, tipprova illi l-kapacita` tas-sewwieq kienet effettivament imnaqqsa.

Anki f'kaz li bniedem ikun jirrizulta effettivament illi ecceda il-limitu preskritt, dana ma jfissirx li huwa hati ta' imputazzjoni migjuba taht danl-artikolu sakemm ma jirrizultax ukoll illi minhabba tali stat, huwa mhuwiex f'kundizzjoni illi jsuq ghaliex ghandu l-kapacita mnaqqsa.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali tat-30 ta' Novembru, 2009, f'sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Keith Aquilina' tghid hekk:

*Biex din l-akkuza tissustissi, li jrid jigi ppruvat illi l-imputat Keith Aquilina ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi meta gie mwaqqaf minn PC 1391 Ian Grech fid-19 ta' Marzu 2009, ghall-habta ta' 6.25 p.m., l-imputat kien xurban, izda*

*jekk minhabba f'hekk ma kienx f'kondizzjoni li jsuq hija xi haga ohra illi kellha tigi ppruvata.*

*Bir-rispett din il-Qorti ma tahsibx illi din il-grad ta' prova gie milqugh minkejja l-komportament tal-imputat fil-konfront tal-Pulizija illi beda jiehu l-"particulars" u anki meta kien id-Depot b'daqshekk ma fissirx illi ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. Naturalment kulhadd huwa responsabbli ta' ghemilu w jekk l-imputat ma gabx ruhu sew fil-konfront tal-Pulizija w kiser xi kontravenzjoni f'dan is-sens allura jrid iwiegeb ghal dan kif fil-fatt gara. Pero' ma jistax iwiegeb ghall-akkuza illi ma tirrizultax sodisfacentement ippruvat fi grad li trid il-Ligi.*

*Ir-"reading" tar-"road side test" wahdu mhuwiex bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni dwar il-htija dwar irraba' akkuza, w dan l-ahhar din il-Qorti kellha okkazzjoni biex tippronuncja ruhha f'dan ir-rigward f'kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Jan Spiteri deciza fit-22 t'Ottubru, 2009 u wasslet ghall-konkluzzjoni illi l-fatt li l-appellant kellu riha qawwija ta' xorb mhiex prova illi hu ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. Din id-decizzjoni ghal min mhuwiex intiz fil-Ligi tista' tidher stramba peress illi bniedem xurban ma jistax ikollu l-kontroll shih tal-vettura. Pero' dina hija assunzjoni illi ma tistax treggi fil-kamp kriminali fejn il-provi huma kollox u jridu jwasslu sal-grad ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni w sakemm il-Ligi tibqa' kif inhi, din il Qorti thoss illi ghandha jsegwi l-insenjament ta' decizjonijiet precedenti in materia.*

Issa jirrizulta li l-esponenti ma ghamel xejn li jista` jwassal b'konvinciment ghal-konkluzjoni ta' htija. Triq Rodolfu fejn il-vettura tieghu ghaddiet kontra dik tal-Pulizija, hija dejqa hafna u l-karozzi kwazi jmissu.

Inoltre imkien hadd ma stqarr illi l-appellant kien ghaddej b'velocita` zejda jew aktar milli suppost skond il-ligi.

Huwa lanqas ma qala` ebda problemi jew tkessah mal-Pulizija.

Dwar l-episodju tat-teptip tad-dawl, l-esponenti jikkontendi illi ma ntebahx bih, u li sar jaf bih meta waqqfuh.

Ghalehekk bhal fil-kaz fuq imsemmi, ma hemmx elementi biex il-Qorti tasal ghal konvinciment morali ta’ htija. Anki jekk ghall-argument – u bla pregudizzju – kellu jigi koncess illi l-appellant kien xorob aktar mil-limitu preskritt mil-ligi, dana ma jfissirx necessarjament tnaqqis fil-kapacita ta’ sewqan, specjalment meta wiehed jikkonsidra li t-*thresholds* fil-ligi huma l-istess ghal tfajla jew mara ckejkna bhalma huma ghal ragel mibni kif inhu l-appellant.

Fuq kollox, il-komportament tal-appellant, kemm qabel kif ukoll wara li twaqqaf mill-ufficjali tal-Pulizija, ma jista` jwassal ghall-konvinciement necessarju fil-kamp penali ghal sejbien ta’ htija.

Ghal tali raguni l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha thassar is-sentenza appellata fejn l-appellant instab hati taht dan l-artikolu.

<u>Tielet aggravju – inapplikabilita tal-piena f’kaz ta’ sejbien ta’ htija fuq wahda biss miz-zewg akkuzi</u>

Bla pregudizzju ghall-aggravji fuq dettaljati, f’kaz illi xorta il-Qorti ssib htija skond wahda biss miz-zewg imputazzjonijiet, jigifieri jew taht l-artikolu 15A jew l-artikolu 15B tal-Kap 65, allura l-artikolu 15H u l-kundanni prospettati hemmhekk ma ghandhomx japplikaw ghall-appellant. Dan ghaliex il-ligi kif imfassla tghid illi, biex japplikaw, l-imputat irid ikun kiser <u>kemm l-artikolu 15A kif ukoll l-artikolu 15B.</u>

Infatti, jekk il-legislatur ried jghid mod iehor, huwa kellu jikteb ‘jew’ minflok ‘<u>u</u>’ f’ dan l-artikolu:

*15H. (1) Kull persuna li tikser xi disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 15A <u>u</u> 15B tkun hatja ta’ reat u meta tinsab hatja ta’ reat bhal dak jew ta’ reat taht l-artikolu 15E(4) tehel –*

La il-ligi qeghda kif inhi, jekk iz-zewg akkuza ma jirrizultaw, fis-ses illi tirrizulta wahda minnhom biss, allura

l-appellant ghandu jigi liberat minn kull htija u piena taht dan l-artikolu, jigifieri ma tinghatalu ebda piena.

Raba` aggravju – il-piena

Bla pregudizzju ghall-aggravji fuq dettaljati, f'kaz illi xorta l-Qorti ssib htija fl-appellant in rigwar ghaz-zewg akkuzi migjuba kontra tieghu, peress illi l-minimu tal-piena pekunjarja huwa dak ta' EUR1,200 ai termini tas-subartikolu 15H1A, jintalab illi, in vista tal-fatt illi l-appellant effettivament ma ikkrea ebda perikolu ghal hadd, kif ukoll ikkollabora bi-shih mal-uffijcali tal-Pulizija, u anki minhabba l-qaghda finanzjarja tieghu, jintalab illi l-multa tigi rivista mis-somma ta' EUR 1,400 u tigi mnaqqsa ghall-minimu ta' EUR 1,200.

Ikkunsidrat:

L-appellant huwa akkuzat talli fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru tal-elfejn u ghaxra (2010) ghal habta tal-ghaxra ta' billejl (10.00 p.m.) fi Triq Rudolfu, Tas-Sliema, saq vettura bin-numru IBA 143 taht l-influwenza tax-xorb. Irrizulta illi waqt li kien ghaddej mill-imsemmija triq, mid-direzzjoni opposta kienet gejja karozza tal-pulizija tal-mobile u osservat lill-appellant isuq f'nofs it-triq. Ghall-ewwel il-pulizija petptu d-dawl sabiex jigbdu l-attenzjoni tal-appellant illi kien qed isuq f'nofs tat-triq izda l-appellant baqa' ghaddej xorta wahda u biex jevitaw l-impatt il-pulizija kellhom jitilghu malajr b'emergenza fuq il-bankina halli l-appellant ikun jista' jghaddi. Il-pulizija mbaghad dawwru l-karozza, segwew lill-appellant u waqqfuh ftit 'il fuq fl-istess triq hdejn il-pompa tas-Savoy. Malli PS 476 Jeffrey Attard Macarthy resaq hdejn l-appellant induna illi kellu rieha qawwija ta' xorb. Fil-fatt il-pulizija jghid, "... dak il-hin xammejtlu rieha qawwija ta' xorb f'nifsejh ...". haduh l-ghassa ta' Tas-Sliema fejn sar breathalyser test u r-rizultat kien ninety eight ug / one hundred ml (98ug/100ml). Il-mimimu permessibbli mil-ligi huwa ta' thirty five ug / one hundred ml (35ug/100ml). Ir-rieha ta' xorb illi semma' s-surgent Macarthy giet korroborata minn PC 301 W. Vella illi kien hdejh u illi ukoll xamm rieha ta' xorb fuqu.

B’sentenza moghtija fis-sebgha (7) ta’ Lulju tal-elfejn u hdax (2011) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, ikkundannatu ghal multa ta’ elf u erba’ mitt ewro (€ 1,400) u skwalifikatu milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghal sitt (6) xhur.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u appella minnha u aggravju tieghu msejjes principalment fuq il-fatt illi huwa jallega illi ma rax lill-pulizija jaghmlulu sinjal biex jieqaf. L-appellant jargumenta illi l-prova tal-breathalyser ma hix korroborata minn hadd u r-rizultat esebit fl-atti tal-process ma giex pruvat illi kien l-istess illi sar fuq l-appellant u ghalhekk jonqos in-ness bejn dak id-dokument u l-appellant. Jargumenta illi mhux necessarjament illi persuna illi jkollha intake ta’ alkohol ghola minn normal ifisser li ma kienx f’pozizzjoni li jsuq. Ir-roadside test wahdu mhuwiex bizzejjed bhala prova li persuna ma tkunx f’pozizzjoni li ssuq. It-tielet aggravju jikkoncerna l-imputazzjonijiet taht l-artikolu 15(a) jew l-artikolu 15(b) ral-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta. Skont l-appellant dawn l-artikoli jirrizultaw flimkien u mhux wahda jew l-ohra. Ghalhekk jekk instabet htija taht artikolu wiehed, allura f’dan il-kaz mhuwiex bizzejjed biex tinstab htija ukoll fuq l-artikolu l-iehor.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma’ dan l-argument. Jibda biex jinghad illi l-breathalyser test hu wiehed mill-mezz tal-provi li l-Prosekuzzjoni ghandha sabiex tressaq quddiem il-Qorti. Dina ma tissostitwix provi okulari jew ta’ wahda mis-sensi illi xhud ikun esperjenza di proprio. F’dan il-kaz l-esperjenza tal-pulizija hija dik tax-xamm illi huma personalment xammew rieha ta’ xorb qawwija gejja mill-appellant. M’ghandekx ghalfejn il-prova tal-breathalyser biex tikkonfermalek illi f’dak l-istat l-appellant kien xurban. Dana abbinat mal-metodu ta’ sewqan tieghu fejn kien wiehed perikoluz. Ikompli jsostni dak illi qalet il-Prosekuzzjoni illi l-appellant ma kienx f’pozizzjoni illi jsuq. Il-Qorti m’ghandha l-ebda dubbju illi l-breathalyzer esebit f’dawn l-atti huwa dak tal-appellant. Il-pulizija esegwew

dan it-test xehedu dwar ir-rizultat – dak ta’ ninety eight ug / one hundred ml (98ug/100ml) – liema rizultat juri bic-car illi l-appellant kien qed isuq taht l-influwenza tal-alkohol, u f’dan il-kuntest biss l-appellant kellu jinstab hati.

Ghal dak li jirrigwarda t-tielet aggravju dwar l-artikolu 15(a) u 15(b) tal-Kap 65, dan l-artikolu jsemmi, “kull persuna li tikser xi dispozizzjoni tal-artikolu 15(a) u 15(b) tkun hatja ta’ reat ...”. Hawnhekk il-ligi mhiex qieghda tesigi illi dawn iz-zewg regolamenti ghandhom ikunu flimkien, izda bizzejjed illi tinkiser xi dispozizzjoni ta’ xi wahda minn dawn ir-regolamenti. Jekk tinkiser dispozizzjoni wahda biss mill-artikolu 15(a) u l-artikolu 15(b), allura tista’ tinstab htija.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi fuq il-provi illi kellha quddiemha l-ewwel Qorti dina setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghalilha. Ghalhekk mhux il-kaz illi din id-deskrizzjoni tigi disturbata. Ghal dak illi jirrigwarda l-piena, il-principju regolatur hu li mhux normali li l-Qorti tal-Appell tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi. Vera illi f’dan il-kaz il-piena inflitta mhijiex fil-minimu, però qieghda fil-parametri tal-ligi. U ghalhekk, hawn ukoll, mhux il-kaz illi dina tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------